**Nru. 516**

**AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

**No. 516**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Notification of Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:
*A detailed justification is presented below:*

Numru ta' Riferenza: TRK 153509
Post: Sit f'Triq il-Fortizza, Il-Mosta
Proposta: Bini ta' żvilupp industrijali

*Reference Number: TRK 153509*
*Location: Site at Triq il-Fortizza, Mosta*
*Proposal: Construction of industrial development*

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-30 ta' Jannar 2014 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fis-6 ta' Mejju 2014.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 30th January 2014 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 6th May 2014.

| Impatti potenzjali<br>*Potential Impacts* | Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.<br>*Remarks on mitigation measures, etc.* |
|---|---|
| Ħolqien ta' skart | Il-proġett se jiġġenera skart kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Matul il-fażi tal-kostruzzjoni, l-iskart inert se jiġi ġġenerat fi kwantitajiet mhux meqjusa bħala sinifikanti. Waqt l-operat, l-attivitajiet industrijali fuq is-sit mhumiex mistennija li jiġġeneraw ammonti sinifikanti ta' skart muniċipali. Kull skart perikoluż se jkun temporanjament maħżun f'reċipjenti xierqa mill-operaturi. Kull skart iġġenerat jista' jiġi mitigat suffiċjentament permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali li tkopri l-kumpless kollu. |
| *Waste generation* | *The project will generate waste during both construction and operation. Inert waste generated during the construction phase is not considered to be significant. During operation, the industrial activities on site are not expected to generate significant amounts of municipal waste. Any hazardous waste will be temporarily stored in appropriate containers by the specific unit operators. Any waste generated can be sufficiently mitigated through an environmental registration covering the entire complex.* |

| | |
|---|---|
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja | Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet mit-tindif u t-tħaffir tas-sit, u emissjonijiet ta' *Nitrogen Oxide* (NOx) minn vetturi tqal. Madankollu, l-ebda impatt sinjifikattiv m'hu mistenni minħabba li ma hemmx riċetturi sensittivi fiż-żona tal-madwar mistennija mill-iżvilupp u dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 tal-2007) jiġu osservati. Waqt l-operat, l-emissjonijiet iġġenerati jiddependu mill-attivitajiet imwettqa f'kull garaxx industrijali. Il-proposta mhix mistennija li tiġġenera ammont konsiderevoli ta' traffiku waqt l-operat. Impatti oħra ġġenerati minn kull garaxx industrijali jistgħu jitnaqqsu permezz ta' disinn xieraq, ġestjoni xierqa ta' skart u miżuri li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali. Il-proċess għal-permess tal-iżvilupp joffri wkoll il-possibbiltà li jillimita l-iżvilupp fuq il-post għal firxa limitata ta' użi (jew użi speċifiċi) jekk dan jitqies neċessarju. |
| *Impact on air quality* | *During construction, fugitive dust from site clearance and excavation, and Nitrogen Oxide (NOx) emissions from construction vehicles are expected. However, no significant impact is envisaged given that that there are no particular sensitive receptors in the area of influence of the development and as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to. During operation and depending on the activies carried out within each industrial garage, emissions may be generated. The proposal is not expected to generate a considerable amount of traffic during operation. Other impacts generated from each industrial garage can be sufficiently mitigated through proper design, adequate waste management and measures which could be managed through environmental registration. The mainstream development permitting process also affords the possibility of restricting the development on site to a limited range of use classes (or specific uses) should this be deemed necessary.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jiġu limitati għal dawk normalment assoċjati ma' attivitajiet normali f'siti ta' kostruzzjoni. Waqt il-fażi tal-operat, l-istorbju u vibrazzjonijiet mhumiex mistennija li jkunu sostanzjali. Madankollu, kwalunkwe mpatt jista' jittaffa b'mod suffiċjenti permezz ta' miżuri li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali. |
| *Noise and vibrations* | *Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operation, noise and vibrations are not expected to be substantial. Furthermore, any impacts can be mitigated sufficiently through measures which could be managed through environmental registration.* |
| Kwalità tal-Ilma | Is-sit jinsab madwar 110 metri minn Wied il-Għasel. Il-proġett jista' jżid ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-ilma permezz tar-rilaxx potenzjali ta' lmijiet kontaminati fil-widien tal-madwar. Għalhekk, disinn xieraq u miżuri operattivi għandhom jiżguraw li ma jkunx hemm riskji ta' kontaminazzjoni ta' art jew ilma minn ħruġ ta' inkwinanti. |
| *Water Quality* | *The site is situated approximately 110 metres from the Wied il-Għasel valley system. The project may further increase the risk of contamination of water through the potential release of contaminated waters into the surrounding valley system. Therefore, appropriate design and operational measures should ensure that there are no risks of land or water contamination from the release of pollutants.* |
| Impatti fuq il-wirt kulturali | Għalkemm is-sit u l-madwar kienu soġġetti għal disturbi estensivi, hemm il-possibbiltà li jistgħu jinstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi u b'hekk tinħtieġ konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali speċjalment dwar monitoraġġ tax-xogħlijiet. |
| *Impact on cultural heritage* | *Although the site and its entire surrounding area have been subjected to extensive disturbance, there is a possibility of archaeological remains being uncovered. Thus consultation with the Superintendence of Cultural Heritage (SCH) is required especially regarding monitoring of on-site works.* |
| Impatt permezz ta' dawl | Matul il-lejl, huma mistennija emissjonijiet ta' dawl aktar minn dawk li diġà hemm bħalissa. Madankollu, dawn jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' lampi li jixħtu d-dawl 'l isfel, u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal livelli minimi. |
| *Light pollution* | *During night time, light emissions above the current baseline situation are expected. Nevertheless, these may be reduced through the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

It-30 ta' Mejju, 2014

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

30th May, 2014

**Nru. 517**

**AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (Kap. 389)**

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, għat-termini tal-artikoli 7 u 8 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

**No. 517**

**NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT (Cap. 389)**

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenzja bħala Gwardjani Lokali
*Application for licence of a Local Warden*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta tal-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz<br>*Address* |
|---|---|---|
| Joshua James Camilleri | 133893 (M) | "Lornev", Flat 4, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar. |
| Samir Lotfi Fahim Tawdrous | 531295 (M) | 172, Triq il-Vittorja, Ħamrun. |

Applikazzjoni għal-liċenzja bħala Gwardjani Privati
*Application for licence of a Private Guard*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta tal-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz<br>*Address* |
|---|---|---|
| Carmelo Spiteri | 646361 (M) | Blokk E, Flat 6, Triq Xemxija, Marsa. |
| Joseph Agius | 196878 (M) | 9, "L'Amour Toujours", Triq il-Midra, Bubaqra, Żurrieq. |
| Graziella Grima | 59382 (M) | "Joseph", Flat 2, Triq Domenico Cachia, Birkirkara. |
| Ivan Milosevic | 83059 (A) | 79, "Dolce Casa", Triq il-Merħba, Fgura. |
| Jonathan Spiteri | 15189 (G) | 90, "Madonnina", Triq is-Sebgħa u Għoxrin ta' Novembru, 1678, Xewkija, Għawdex. |
| Lucienne Fenech | 410170 (M) | 38, "Notre Dame", Triq Toni Wizzini, Birkirkara. |
| Melvin Farrugia | 301487 (M) | "Edlord", Triq Misraħ il-Barrieri, Msida. |
| Carmel Tabone | 149651 (M) | 75, "Charms", Triq Jean De La Valette, Naxxar. |
| Carmen Pantalleresco | 713659 (M) | 75, "Charms", Triq Jean De La Valette, Naxxar. |
| Jason Michael Portelli | 17992 (M) | "San Andrea Court", Blokk A, Flat 2, Triq tal-Għajn, Fontana, Għawdex. |
| John Cilia Debono | 473968 (M) | 1, Flat 2, Triq Lanzon, Tarxien. |
| Matthew Caruana | 458386 (M) | "St. Joseph", Blokk C, Triq Wigi Rosato, Bormla. |
| Reno Spiteri | 60266 (M) | "Maron", Triq il-Kapuċċini, Kalkara. |
| Joseph Massa | 264193 (M) | 46, Triq il-Ġiebja Rumana, Żejtun. |
| Melvin Francis Bonnici | 490083 (M) | 18, Il-Fortini ta' Feliċ, Bormla. |
| Nataline Bugeja | 540373 (M) | "My Nest", Triq L-Ayzor, Safi. |
| Jamie Fenech | 247095 (M) | 107, "Marimina Court", Flat 6, Triq il-Ġdida, Msida. |
| Razvan Lucian Vasilescu | 56650 (A) | 9, "Montvale Court", Blokk E, Penthouse, Triq Apap Bologna, Marsaskala. |
| Salvinu Buhagiar | 509765 (M) | "Windrush", Triq is-Serer, Żabbar. |